**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 30** **It-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2021 fis-17:30pm.

**Preżenti**:

John Schembri
Victor Caruana
Lucia Massa
Maria Magri

**Skużati b'Apoloġija**

Frederick Aquilina
Eric Camilleri

**Assenti**

Kearon Bruno

**Uffiċċjali Preżenti**

Karen Camilleri Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku John Schembri ppresieda l-laqgħa

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsilliera Frederick Aquilina u Eric Camilleri jinsabu skużati.

Il-membri aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 2. Approvazzjoni ta' Minuti Nru 29

**Is-Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 29, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 29 ġew approvati b'mod unanimu.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li waslet l-allokazzjoni finanzjarja li tammonta għal €501,000 għal Ħal Luqa u € 87,000 għal Ħal Farruġ.

Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se jkun qed jiġi ffinalizzat il-budget sabiex jiġi ppreżentat u diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku John Schembri nfurma li se jkun qed isir arloġġ tad-dawl u l-ilma ġdid fil-letrina ta' Misraħ iż-Żgħażagħ.

Is-Sindku John Schembri nfurma li kellu laqgħa mal-Perit ta' Infrastruttura Malta fejn ġie maqbul li jsir proġett fi Triq Sebastiano Saliba, a spejjeż ta' Infrastruttura Malta. Dan il-proġett se jkun qed jinvolvi t-tneħħija tas-central strip u se jsir parkeġġ adegwat. Barra minhekk se jkun qed isir water catchment sabiex jilqa' l-ilma tax-xita.

## 4. Performance Appraisal Reports

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-Performance Appraisal Reports tal-impjegati tal-Kunsill. Ms Camilleri infurmat li t-tlett impjegati taw servizz tajjeb ħafna, meta tqis li l-Kunsill jinsab mingħajr Segretarju Eżekuttiv full time.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma lill-membri li qed jipproponi li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-Performance Bonus. Dan għall-fatt li minkejja li Ms Camilleri tinsab impenjata b'Kunsill kbir, bħal Ħal Qormi, dejjem żammet il-commitment li tiġi l-uffiċju u tassisti fejn possibli. Dan minbarra li bdiet tintroduċi servizzi ġodda sabiex l-operat tal-uffiċċju jkun aktar effiċjenti.

Is-Sindku John Schembri ppropona li l-impjegati jingħataw performance bonus kif ġej;

| | |
|---|---|
| Uffiċjali fi Skala 10 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 11 | 6% |
| General Assistant | 6% |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | 10% |

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Performance Bonus tal-impjegati u tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-pagamenti

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2021.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-invoices tad-dawl tal-milied se tiġi miżmuma għaliex ma sarx ix-xogħol mistenni.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Victor Caruana** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 6. TMIEM TAL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 8 ta' Frar 2022.

John Schembri

Sindku

Karen Camilleri

Deputat Segretarju Eżekuttiv